II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/899

**tas-26 ta' Ġunju 2020**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/803 ([2]), il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra ([3]), sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-"Protokoll"), ġie ffirmat, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja ([4]) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u Istati Membri tagħha.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiddepożita (jiddepożitaw), f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll.

([1]) Kunsens tat-12 ta' Diċembru 2018 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/803 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 132, 21.5.2016, P. 79).

([3]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L 334, 6.12.2012, p. 3.

([4]) It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fi ĠU L 132, 21.5.2016, p. 81, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. METELKO-ZGOMBIĆ